



Min aħna.
X'nagħmlu.
Kif nagħmluh.



EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS





“L-Unjoni [Ewropea] hija stabbilita fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità umana, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu d-drittijiet ta’ persuni li jappartjenu għall-minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f’soċjetà li fiha jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.”

L-Artikolu 2, it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea



Daħla

Id-drittijiet fundamentali jiddikjaraw standards minimi li jassiguraw illi persuna tiġi ttrattata b'dinjità. Ikunu xi jkunu d-drittijiet — li ma tiġix diskriminat minħabba l-età tiegħek, xi diżabilità jew l-isfond etniku, li d-data personali tiegħek tkun protetta, jew li jkollok aċċess għall-ġustizzja, ilkoll għandhom jingħataw promozzjoni u ħarsien.

L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE) għandhom tradizzjoni twila ta' promozzjoni tad-drittijiet fundamentali. L-UE nnifisha hija mibnija fuq dawn il-valuri u hija impenjata li tiggarantixxi d-drittijiet proklamati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) twaqqfet bħala korp indipendenti ħalli tappoġġja dan.

Minkejja dan il-wirt, ħafna sfidi jipprevjenu l-provvediment fil-prattika tad-drittijiet fundamentali. Bis-saħħa tal-ġbir u l-analiżi tad-data fl-UE, il-FRA tassisti lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri ħalli jifhmu dawn l-isfidi u jegħlbuhom. Waqt li taħdem id f'id mal-istituzzjonijiet tal-UE, mal-Istati Membri tal-UE u ma' organizzazzjonijiet oħra fuq il-livell internazzjonali, Ewropew u nazzjonali, il-FRA taqdi rwol importanti billi tgħin id-drittijiet fundamentali jsiru realtà għal kull min jgħix fl-UE.



Michael O'Flaherty
Direttur



Frauke Lisa Seidensticker
President tal-Bord tat-
Tmexxija tal-FRA



Min aħna

Fl-2007, l-UE waqqfet il-FRA bil-kompitu speċifiku li tipprovdi pariri indipendenti u msejsin fuq evidenza dwar id-drittijiet fundamentali. Il-FRA hija waħda mill-aġenziji speċjalizzati tal-UE, li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Dawn l-aġenziji twaqqfu biex jagħtu pariri esperti lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri fuq firxa ta' kwistjonijiet.

Id-90 membru tal-istaff tal-aġenzija jinkludu esperti legali, xjenzati soċjali u politiċi, u esperti tal-istatistika, tal-komunikazzjoni u tan-netwerking.

Xogħolhom huwa ggwidat mill-Bord tat-Tmexxija tal-FRA. Hija r-responsabbiltà tal-bord li jiddefinixxi l-prijoritajiet tax-xogħol tal-aġenzija, japprovalha l-baġit u jissorvelja l-ħidma tagħha. Il-bord huwa magħmul minn expert indipendent maħtur minn kull Stat Membru, żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u minn expert indipendenti maħtur mill-Kunsill tal-Ewropa



Id-drittijiet fundamentali

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija l-Karta tad-Drittijiet legalment vinkolanti tal-UE. Din telenka d-drittijiet li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jridu jirrispettaw meta jiżviluppaw u jimplimentaw il-liġijiet u l-politika tal-UE. Il-Karta torbot legalment u hija l-punt ewlieni ta' referenza għall-FRA meta toffri l-pariri tagħha, imsejsin fuq l-evidenza, dwar kif ir-rispett għad-drittijiet fundamentali għandu jiġi assigurat.

Id-drittijiet f'din il-Karta jinqasmu f'sitt gruppi:

ID-DINJITÀ



bħad-dritt li ma tiġix ittrattat b'mod degradanti

IS-SOLIDARJETÀ



bħad-dritt li jkollok aċċess għall-kura tas-saħħa u li tibbenefika minn kura medika

IL-LIBERTAJIET



bħad-dritt tal-protezzjoni tad-data personali

ID-DRITTIJJIET TAĊ-ĊITTADINI



bħad-dritt li tivvota fl-elezzjonijiet muniċipali fejn tgħix

L-UGWALJANZÀ



bħad-dritt li li tkun ħieles mid-diskriminazzjoni

IL-ĠUSTIZZJA



bħad-dritt għal proċess ġust




X'nagħmlu

Il-FRA tipprovdi lill-istituzzjonijiet u lill-Istati Membri tal-UE pariri indipendenti, imsejsin fuq l-evidenza, dwar id-drittijiet fundamentali. L-għan tagħha huwa li tagħti sehemha biex jiġi assigurat rispett sħiħ lejn id-drittijiet fundamentali fl-UE kollha kemm hi.

Biex tagħmel dan, il-FRA tfittex li taqdi dawn il-kompiti:

- il-ġbir u l-analizzar ta' informazzjoni u data;
- il-provvediment ta' assistenza u għarfien expert;
- il-komunikazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet.

Il-kompiti tal-FRA huma deskritti fil-leġislazzjoni li tistabbilixxi l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali: Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007.



Il-kompiti tal-FRA jsiru b'konsultazzjoni u b'koperazzjoni mas-sħab tagħha.

Dan jippermetti lill-aġenzija:

- tiddefinixxi l-oqsma tax-xogħol tagħha biex tassigura li r-riċerka tagħha tindirizza nuqqasijiet u ħtiġijiet speċifiċi fil-qasam tad-drittijiet fundamentali;
- taqsam l-għarfien espert tagħha, tikkordina r-riċerka f'oqsma differenti u taħdem bħala ħaġa waħda biex tikkomunika l-pariri tagħha lill-UE u lill-Istati Membri. B'dan il-mod, il-FRA tista' toħloq sinerġiji, tuża r-riżorsi tagħha bl-aħjar mod, u tagħti l-appoġġ lil korpi oħrajn billi twassal opinjonijiet ċari dwar kif għandu jittejjeb il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali;
- tassigura li l-pariri u r-riċerka tagħha jaslu sal-livelli fejn għandhom jaslu għand dawk li jfasslu l-politika tal-gvern u tal-istituzzjonijiet tal-UE

Il-FRA żżomm rabtiet mill-qrib partikolarment:

- mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;
- ma' organizzazzjonijiet oħrajn internazzjonali, bħall-Kunsill tal-Ewropa, in-Nazzjonijiet Uniti (NU) u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE);
- u ma' gvernijiet, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, istituzzjonijiet akkademiċi, korpi dwar l-ugwaljanza u Istituzzjonijiet Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (NHRIs).

Il-korpi dwar l-ugwaljanza u l-NHRIs huma korpi nazzjonali li jippromwov u l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tagħhom. Dan jista' jinkludi xogħol ta' riċerka, sensibilizzazzjoni, jew għoti ta' pariri lil vittmi dwar drittijietom.



Biex jassigura relazzjoni ta' ħidma mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE, kull Stat Membru jaħtar Uffiċjal Nazzjonali ta' Kollegament. Il-korrispondenza kontinwa u l-laqqgħat regolari jgħinu ħalli fil-ħidma tinħoloq sħubija soda li tiggarantixxi li l-informazzjoni tinqasam kontinwament u li l-ħtiġijiet nazzjonali jiġu magħrufa u indirizzati.

Il-Kunsill tal-Ewropa fih 47 Stat Membru. Fost il-korpi tiegħu nsibu l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn jinstemgħu kawżi fuq il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-Pjattaforma għad-Drittijiet Fundamentali (FRP) tiġbor flimkien minn mal-UE kollha iktar minn 300 organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili involuti fi kwistjonijiet speċifiċi dwar drittijiet fundamentali. Huma joffru suġġerimenti fuq il-programm annwali ta' ħidma tal-FRA u fuq ir-rapport annwali tagħha.

Il-FRA għandha relazzjoni speċjali mal-Kunsill tal-Ewropa, ibbażat fi Strasburgu. Biex tassigura l-kumplementarjetà, l-aġenzija tikkordina l-attivitajiet tagħha ma' dawk tal-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-programm annwali tal-ħidma tagħha u l-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili.

Permezz tal-Pjattaforma għad-Drittijiet Fundamentali (FRP) tagħha, il-FRA tikkonsulta regolarment numru kbir ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jappoġġjaw l-esperti tal-FRA fl-identifikazzjoni tal-problemi li n-nies madwar l-UE jiffaċċjaw fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.



L-ambitu tal-ħidma

L-istituzzjonijiet tal-UE jipproponu u jadottaw l-oqsma tematiċi tal-ħidma tal-aġenzija għal perjodu ta' ħames snin.

L-oqsma ewlenin li l-FRA taħdem fuqhom jinkludu d-diskriminazzjoni, l-aċċess għall-ġustizzja, ir-razziżmu u l-ksenofobija, il-protezzjoni tad-data, id-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità u d-drittijiet tat-tfal.

Billi l-FRA twaqqfet biex tagħti pariri lill-UE u lill-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw il-liġijiet u l-politika tal-UE, l-aġenzija tista' taħdem biss fuq kwistjonijiet f'oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-UE.

Minkejja li tagħti tagħrif lil individwi dwar kif isaħħu drittijiethom u fejn jistgħu jaqgħu hekk, il-FRA ma tistax tinvestiga ilmenti individwali jew toħroġ xi deċizzjoni dwarhom. Skont il-mandat tagħha, l-Aġenzija tista' biss tindika mnejn l-individwi għandhom jgħaddu biex jitolbu l-għajjnuna fuq il-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali.

'Kompetenza' tirreferi għall-kwistjoni dwar jekk l-UE jkollhiex l-awtorità legali tiegħu azzjoni f'xi qasam partikulari ta' politika.





Kif nagħmlu dan.

Riċerka u ġbir ta' data

Il-FRA għandha l-kompitu li tiġbor informazzjoni u data "oġġettiva, affidabbli u komparabbli". Hija tagħmel ir-riċerka tagħha fuq temi partikulari mal-UE kollha, iktar milli ssegwi jew tassessja Stati Membri individwali.

Ir-riċerka fl-Istati Membri kollha jew f'bosta minnhom tipprovdi perspettiva komparattiva li tidentifika l-isfidi u l-prattiki promettenti li jeżistu fuq temi speċifiċi ta' drittijiet fundamentali mal-UE kollha.

Ir-riċerka tal-FRA normalment tkopri xi suġġett speċifiku relatat mad-drittijiet fundamentali mal-UE kollha — bħal, pereżempju, ir-rapport tagħha fuq *Homophobia, transphobia and discrimination on grounds of sexual orientation and gender identity in the EU Member States* (2010) (Omofobija, transfobija u diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali u identità tas-sessi fl-Istati Membri tal-UE (2010)).

L-aġenzija spiss tiġbor informazzjoni dwar **il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fil-qafas legali** tal-Istati Membri, u tipprovdi analiżi legali. Is-sorsi tal-informazzjoni jinkludu strumenti leġiżlattivi, sentenzi tal-qorti, u kummentarju akkademiku. Pereżempju, ara r-rapport tal-FRA dwar *Access to justice in Europe: an overview of challenges and opportunities* (2011) (Aċċess għall-ġustizzja fl-Ewropa: ħarsa ġenerali lejn l-isfidi u l-opportunitajiet (2011)).




Metodoloġija ta' riċerka tirreferi għall-mod li bih tinġabar u tiġi analizzata l-informazzjoni u d-data. Il-metodoloġiji użati mill-FRA tfasslu biex jassiguraw li d-data miġbura tkun kemm jista' jkun preċiża u affidabbli.



Biex tipprovdi deskrizzjoni komprensiva tas-sitwazzjoni kif tasew tkun, il-FRA tinqeda kemm bl-analiżi legali kif ukoll b'data fuq l-esperjenzi reali ta' kuljum ta' individwi. Ir-riċerka sekondarja tiġi kkumplementata b'riċerka soċjali li ssir fil-post, bis-saħħa ta' sħarriġ jew intervisti, jew bl-analiżi ta' data eżistenti.

Pereżempju, L-Istħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni (EU-MIDIS) intervista 23,500 ruħ minn gruppi magħżula ta' immigranti u minoranzi etniċi fis-27 Stat Membru tal-UE. Ir-riżultati ppermettew lill-Aġenzija tipprovdi indikaturi utli u relevanti ta' diskriminazzjoni bħall-proporzjon ta' vittmi li ġarrbu diskriminazzjoni jew xi delitt minħabba razziżmu. Dawn imbagħad kixfu l-livelli ta' diskriminazzjoni li ġarrbu minoranzi etniċi diversi fi Stati differenti.

F'xi każijiet, l-aġenzija tista' **tirrapporta xi sitwazzjoni urġenti ta' drittijiet fundamentali** f'xi Stat Membru, meta din tkun taq' taħt il-mandat tagħha u fejn is-sitwazzjoni jkollha impatt fuq l-UE. Pereżempju: *Coping with a fundamental rights emergency – The situation of persons crossing the Greek land border in an irregular manner. Thematic Situation Report* (2011) (Kif inlaħḥqu ma' emerġenza tad-drittijiet fundamentali – Is-sitwazzjoni tal-persuni li qed jaqsmu l-fruntieri tal-art tal-Greċja b'mod irregolari. Rapport Tematiku dwar is-Sitwazzjoni (2011)).





Waqf li l-esperti tal-aġenzija jagħżlu l-metodoloġija x-xierqa għal xi proġett partikulari, il-ġbir innifsu tal-informazzjoni u tad-data fuq il-livell tal-pajjiżi jsir l-iktar minn esperti minn barra l-FRA li jiġbru informazzjoni speċifika. Il-kuntratturi tar-riċerka esterna jintgħażlu abbażi ta' proċedura oġġettiva u metikoluża.

Proporzjon kbir tar-riċerka tal-FRA huwa bbażat fuq data u informazzjoni miġbura min-netwerk tagħha ta' punti fokali nazzjonali, FRANET, li huwa magħmul minn gruppi ta' esperti tad-drittijiet fundamentali f'kull Stat Membru tal-UE. Il-persunal tal-FRA jibbaża fuq u janalizza d-data u l-informazzjoni miġbura.

L-Aġenzija għandha wkoll Kumitat Xjentifiku b'membri esterni indipendenti, li jggarantixxi l-kwalità tax-xogħol tagħha.

Il-Kumitat Xjentifiku huma magħmul minn 11-il ekspert indipendenti bi kwalifiki għoljin fid-drittijiet fundamentali mill-UE kollha. Il-Bord ta' Tmexxija tal-FRA jagħżel dawn l-esperti, fuq il-bażi tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew.



Aktar informazzjoni dwar il-metodoloġiji ta' riċerka tal-FRA tinsab fl-iskeda informattiva relatata tagħha dwar *FRA research: providing robust, comparable data and analysis* (Ir-riċerka tal-FRA: kif tipprovdi data u analiżi robusta u komparabbli).

Assistenza u għarfien expert

Il-FRA tipprovdi “assistenza u għarfien expert” lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri u tappoġġjahom “biex jirrispettaw b’mod sħiħ id-drittijiet fundamentali” meta jkunu qed jiżviluppaw u jimplimentaw il-liġijiet tal-UE.

L-aġenzija tibni l-mistoqsijiet tagħha ta’ riċerka fuq il-ħtiġijiet identifikati mill-partijiet interessati. Dan ifisser li d-data li tiġbor tkun maħsuba għal dawk l-oqsma li dwarhom dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ikollhom bżonn l-evidenza biex isawru l-politika u l-leġiżlazzjoni tagħhom. Dan jippermetti wkoll li l-aġenzija tiffoka r-riċerka tagħha fuq problemi reali mġarrba min-nies fil-ħajja ta’ kuljum.

Abbażi tal-evidenza miġbura bir-riċerka u tal-għarfien expert tagħha fuq id-drittijiet fundamentali, il-FRA tgħaddi opinjonijiet u konklużjonijiet lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri dwar kif jassiguraw li d-drittijiet fundamentali jiġu rrispettati fil-prattika meta jkunu qed jiżviluppaw u jimplimentaw xi leġiżlazzjoni jew politika.

Fil-proġetti kollha tagħha, il-FRA tikkonsulta kontinwament mal-partijiet interessati tagħha ħalli tidentifika kif tista’ tagħti pariri bl-aħjar mod, sabiex imbagħad tassistihom fit-titjib tar-rispett lejn id-drittijiet fundamentali. Abbażi tat-tipi ta’ problemi identifikati mill-aġenzija u tal-ħtiġijiet espressi mill-partijiet interessati, il-pariri u l-assistenza jistgħu jiġu kkomunikati b’diversi forum.



- **Rapporti** – Il-FRA twassal id-data u l-evidenza li tkun ġabret bis-saħħa tar-riċerka u l-analiżi soċjolegali tagħha lill-istituzzjonijiet u lill-Istati Membri tal-UE, flimkien ma’ opinjonijiet u konklużjonijiet dwar kif jista’ jiġi assigurat rispettt akbar għad-drittijiet fundamentali.
- **Talba minn istituzzjoni tal-UE** – Il-FRA tista’ tintalab b’mod formali mill-istituzzjonijiet tal-UE tiffurmula opinjonijiet fuq suġġetti tematiċi speċifiċi jew tagħmel analiżi legali ta’ xi leġiżlazzjoni, jew ta’ xi proposta leġiżlattiva, mill-perspettiva tad-drittijiet fundamentali. Pereżempju, fl-2011 il-Parlament Ewropew talab l-opinjoni tal-FRA fuq il-Proposta għal Direttiva dwar l-użu tad-data fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR).
- **Talba minn Stat Membru tal-UE** – Stat Membru jista’ jitlob lill-FRA tipprovdi informazzjoni jew data li tgħinu jtejjeb ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-oqsma li jaqgħu fil-kompetenza tal-UE.
- **Il-materjal tat-taħriġ u l-programmi tat-taħriġ** – Pereżempju l-*Handbook on European non-discrimination law* (2011) (Gwida dwar il-liġi Ewropea dwar in-nondiskriminazzjoni (2011)), li nħareġ flimkien mal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) fi Strasburgu, jiggwida fil-liġi tad-diskriminazzjoni lil dawk li jaħdmu fil-qasam legali.
- **Prattiki promettenti** – Il-FRA tiġbor ukoll ‘prattiki promettenti’ li huma partikolarment ta’ benefiċċju għad-drittijiet fundamentali u taqsamhom mal-Istati Membri tal-UE. Dan jagħti lill-Istati Membri l-opportunità li jitgħallmu minn xulxin dwar mudelli li għamlu suċċess u dwar soluzzjonijiet għal problemi komuni.



Il-komunikazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet

Il-FRA qed titthabat biex ittejjeb is-sitwazzjoni reali. Apparti l-forom ta' assistenza msemija, hija tagħmel dan ukoll billi tissensibilizza dwar id-drittijiet fundamentali fost il-pubbliku ġenerali u fost professjonijiet partikulari li għandhom rwol importanti fl-għoti ta' drittijietna jew li jħallu impatt fuqhom, bħall-għalliema, il-professionisti fil-qasam tal-midja, il-pulizija u l-prattikanti legali.

Informazzjoni dwar il-FRA u l-ħidma tagħha


Minbarra l-**pubblikazzjonijiet stampati** u l-**istands tal-informazzjoni** f'avvenimenti ewlenin, il-FRA tingeda b'mod sħiħ b'medda wiesgħa ta' kanali ta' **komunikazzjoni online**. Din tinkludi s-sit web tagħha u l-preżenza tagħha fil-midja soċjali fuq il-Facebook, it-Twitter, il-LinkedIn u l-YouTube.

Il-FRA tippubblika **rapport informali elettroniku** kull xahar li wieħed jista' jabbona fih fuq: information@fra.europa.eu.

Il-FRA toffri wkoll il-possibbiltà li jiġu gruppi jżuruha biex jismgħu dwar id-drittijiet fundamentali fl-UE u dwar ix-xogħol tagħha. Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil visit@fra.europa.eu.

Materjal li jissensibilizza dwar id-drittijiet

Il-FRA tipproduċi materjal li jista' jiggwida lill-professionisti meta jkunu qed jaħdmu fuq kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali. Eżempji jinkludu Excursion to the past – teaching for the future: Handbook for teachers (2011) (Mawra lejn il-passat – it-tagħlim għall-futur: Gwida għall-għalliema (2011)), li jappoġġa lill-għalliema li jeducaw dwar l-Olokawst u d-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Media Diversity Toolkit żviluppat flimkien mal-Unjoni Ewropea tax-Xandir, li jservi biex jinforma x-xandara tas-settur pubbliku dwar kif jirriflettu aħjar is-soċjetà diversa Ewropea meta jirrapportaw dwar il-kwistjonijiet tal-minoranzi.






Il-FRA tippubblika wkoll **S’Cool Aġenda** għaż-
żgħażgħ. Din tgħallimhom fatti bażiċi dwar id-drittijiet
fundamentali waqt li sservihom ukoll ta’ kalendarju
skolastiku.

Dawk li jfasslu l-politika, ir-riċerkaturi, l-esperti legali
u l-pubbliku jistgħu jaċċessaw id-**database tal-każistika**
tal-FRA, li fiha ġabra ta’ każijiet nazzjonali u Ewropej dwar
mistoqsijiet fuq drittijiet fundamentali.



Informazzjoni dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

L-aġenzija tippubblika materjal dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, bħal **Charterpedia** — għodda faċli biex
tużaha li tippermetti lill-utenti jiskopru iżjed dwar id-drittijiet iggarantiti fil-Karta. Charterpedia hija ġabra komprensiva tal-
liġijiet kostituzzjonali internazzjonali, Ewropej u nazzjonali dwar id-drittijiet fundamentali, marbuta mas-suġġetti, mat-titoli u
mal-artikoli tal-Karta, li kollha jistgħu jiġu aċċessati minnufih mis-sit web tal-FRA.



Il-FRA żviluppat ukoll **applikazzjoni dwar il-Karta tad-Drittijiet
Fundamentali għal apparat mobbli**, bħal smartphones u tablets.
L-applikazzjoni tal-Karta hija disponibbli fuq is-sit web tal-FRA.

Ikkuntattjana:

Sabiex tkun taf aktar dwar il-FRA, idħol fis-sit web tagħna. Hawnhekk tista' żżomm ruħek aġġornat/a dwar l-attivitajiet tal-FRA, fosthom il-proġetti, l-avvenimenti u l-pubblikazzjonijiet:

- www.fra.europa.eu
- twitter.com/EURightsAgency
- www.facebook.com/fundamentalrights
- <http://www.linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency>
- www.youtube.com/user/EUAgencyFRA

Biex tikkuntattjana, abbona fil-pubblikazzjoni mensili tagħna, inkella għaqqad grupp u żur lill-FRA. Iktbilna hawnhekk:

- information@osha.eu.int

Inkella, tista' tikkuntattjana bil-posta, bit-telefown jew bil-faks:

FRA — European Union Agency for Fundamental Rights
Schwarzenbergplatz 11
1040 Vienna
Austria



Tel: +43 (1) 580 30 0
Fax: +43 (1) 580 30 699



HELPING TO MAKE FUNDAMENTAL RIGHTS A REALITY FOR EVERYONE IN THE EUROPEAN UNION

Id-drittijiet fundamentali huma l-istandards minimi ta' trattament li jggarantixxu rispettt għad-dinjità ta' kull persuna. Dawn huma stabbiliti fil-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea**, li hija legalment vinkolanti għall-istituzzjonijiet tal-UE u għat-28 Stat Membru tal-UE kollha meta jimplimentaw il-leġislazzjoni tal-UE. Il-Kapitoli tagħha — id-Dinjità, il-Libertajiet, l-Ugwaljanza, is-Solidarjetà, id-Drittijiet taċ-Ċittadini, il-Ġustizzja u d-Dispożizzjonijiet Ġenerali — jelenkaw id-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji rikonoxxuti mill-UE.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), stabbilita fl-2007, tipprovdi lill-UE u lill-Istati Membri tagħha bl-assistenza u l-għarfien espert dwar id-drittijiet fundamentali.



FRA — European Union Agency for Fundamental Rights
Schwarzenbergplatz 11
1040 Vienna
Austria



Tel: +43 580300
Faks: +43 58030699



information@osha.eu.int
<http://fra.europa.eu>
twitter.com/EURightsAgency
www.facebook.com/fundamentalrights
[linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency](https://www.linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency)
www.youtube.com/user/EUAgencyFRA